MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2015

Numru 467/2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs.**

**David Scicluna**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **David Scicluna**, ta' tletin (30) sena, bin Victor u Silvia xebba Baldacchino, mwieled Pietà, nhar il-25 ta' Gunju 1984 u residenti 3, Triq ir-Rand, St. Lucia, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 322584(M)

akkuzat talli nhar is-27 ta' Mejju, 2015, ghall-habta tat-15.15p.m., gewwa Banka tal-Lottu fi Triq Hompech il-Fgura:

1. ikkommetta serq ta' tlett'elef Euro (€3000) fi flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u cioé b'uzu ta' arma regolari (sikkina), bil-valur**,** li jeccedi l-elfejn, tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bil-mezz ghad-dannu ta' Anna Camilleri u/jew ta' xi persuna/i u jew ta' xi entita'/entitajiet ohra;

2. bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Anna Camilleri, kontra l-volonta' taghha, liema delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra;

3. fil-waqt li kienu qed jaghmlu reat kontra l-persuna (minbarra omiċidju involantarju jew offiża involontarja fuq il-persuna), jew ta' serq jew ħsara fil-propjeta' (minbarra ħsara nvolontarja fil-propjeta') kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti;

4. garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellhom licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

5. f'lok pubbliku, libes maskra jew biddel is-sura tieghu, barra minn fiz-zmien u bil-mod li tippermetti l- ligi.

<u>akkuzat ukoll talli f'xi hin nhar it-28 ta' Mejju, 2015, gewwa Fond numru 2, fi Triq ir-Rummien, Marsaskala</u>:

6. ikkommetta serq ta' gojjellerija ghad-detriment ta' Noel Zerafa u/jew persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil- valur li ma jeccedix elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), bil-mezz u bil-lok;

7. ikkommetta l-istess reati li, fil-maggor parti, hemm kontemplat ghalihom piena ta' prigunerija, fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza li kienet giet imposta fuqu permezz ta' sentenza definittiva datata 16 ta' Dicembru 2014 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.);

8. irrenda ruhu recidiv *ai termini* ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi definittivi li ma jistghux jigu mnaqqsa, mhassra jew mibdula.

Il-Qorti giet ukoll mitluba illi, f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez kollha li ghandhom x'jaqsmu ma' l-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-*process verbal* tal-inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, fis-seduta tallum, dak li kellu xi jghid Victor Scicluna (missier l-imputat).

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet addebitati lilu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu f'dawn il-proceduri, il-fedina penali tal-imputat (Dok. "SB 3" – *a fol.* 14 *et seq.*), il-fatt li l-imputat huwa recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll il-fatt li l-imputat ikkommetta r-reati addebitati lilu waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza.[1]

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 28B(1), 49, 50, 86, 87(1)(e), 261(a), 261(b), 261(c), 261(e), 262(1)(a), 262(1)(b), 263, 264(1), 267, 269(g), 289 u 338(n) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll Artikoli 6 u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat David Scicluna hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u filwaqt li ggib fis-sehh is-sentenza ta' sena prigunerija li kienet giet sospiza ghal perjodu ta' sentejn, tikkundanna lill-imputat ghal perijodu iehor ta' tlitt (3) snin prigunerija, biex b'hekk l-imputat ikun gie globalment ikkundannat ghal perjodu ta' erba' (4) snin prigunerija.

---

[1] Din is-sentenza kienet dik moghtija fis-16 ta' Dicembru 2014 fejn l-imputat gie kkundannat sena prigunerija li gew sospizi ghal perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jig kkundannat ihallas l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri *stante* li ma gewx imqabbda l-ebda esperti jew periti f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni espressa lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex minhabba l-problema ta' droga li ghandu l-imputat, waqt li l-istess imputat ikun qed jiskonta l-piena ta' prigunerija huwa jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex ikun jista' jibda, isegwi u jispicca programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Finalment, il-Qorti tordna li *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

## **< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------